SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

4 ta' Frar 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Intestaturi 8472 u 9031 – Validatur tal-karti tal-flus u kaxxi tal-karti tal-flus – Apparat intiż sabiex jiġi integrat f'apparat ospitanti u konness ma' ċentru ta' kontroll estern – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1760 – Validità"

Fil-Kawża C-760/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali), ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Ottubru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Ottubru 2019, fil-proċedura

JCM Europe (UK) Ltd

vs

Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn N. Piçarra (Relatur), President tal-Awla, D. Šváby u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal JCM Europe (UK) Ltd, minn S. Cock, assistit minn V. Sloane, QC,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Brandon, bħala aġent, assistit minn B. McGurk, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Hradil u M. Salyková, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1760 tat-28 ta' Settembru 2016 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2016, L 269, p. 6).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn JCM Europe (UK) Ltd u l-Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs (l-Amministrazzjoni Fiskali u Doganali, ir-Renju Unit) dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' prodott importat minn din il-kumpannija, jiġifieri l-iPRO-RC, apparat kompost minn validatur tal-karti tal-flus u minn kaxxi tal-karti tal-flus.

Il-kuntest ġuridiku

In-Nomenklatura Magħquda

3 Il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija importata fl-Unjoni Ewropea hija rregolata min-Nomenklatura Magħquda, li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382).

4 In-Nomenklatura Magħquda hija bbażata fuq is-sistema armonizzata tal-indikazzjoni u tal-kodifikazzjoni tal-merkanzija (iktar 'il quddiem is-"SA"), imfassla mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (ODD), u stabbilita bil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata tal-Indikazzjoni u tal-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, konkluża fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983. Din il-konvenzjoni ġiet approvata, bil-Protokoll ta' Emenda tagħha tal-24 ta' Ġunju 1986, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288). Konformement mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2658/87, in-Nomenklatura Magħquda tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi b'sitt ċifri tas-SA, filwaqt li huma biss is-seba' u t-tmien ċifra li joħolqu subdiviżjonijiet li huma speċifiċi għaliha.

5 Il-verżjoni tan-Nomenklatura Magħquda applikabbli għall-kawża prinċipali hija dik għall-2016, li tirriżulta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1754 tas-6 ta' Ottubru 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU 2015, L 285, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 288, p. 16, iktar 'il quddiem in-"NM").

6 Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM, li jinsabu fit-Taqsima A tat-Titolu I tal-Ewwel Parti tagħha, jiddisponu:

"Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-[NM] għandha tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titli tat-taqsimiet, kapitli u subkapitli huma maħsubin għall-ħeffa ta' referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skont it-termini tat-titli u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitlu relattiv u, sakemm dawn t-titli jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

[…]

6. Għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fis-subtitli ta' titlu għandha tkun deċiża skont it-termini ta' dawk is-subtitli u kwalunkwe noti ta' subtitli relatati u, *mutatis mutandis* skont ir-regoli ta' hawn fuq, skont il-kondizzjoni li subtitli fl-istess livell biss huma komparabbli. Għall-għanijiet ta' din ir-regola t-taqsima relattiva u n-noti tal-kapitlu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor."

7 It-Tieni Parti tan-NM, intitolata "Skeda ta' Dazji tad-Dwana", tinkludi, b'mod partikolari, it-Taqsima XVI, intitolata "Makkinarju u għodod mekkaniċi; apparat elettriku; partijiet tagħhom; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu l-ħoss; strumenti li jirrekordjaw u strumenti li jirriproduċu stampa u ħoss televiżivi u partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti". In-noti tan-NM dwar din it-taqsima jipprovdu:

"1. Din it-taqsima ma tkoprix:

[…]
m) oġġetti ta' Kapitlu 90;

[…]

3. Sakemm il-kuntest ma jesiġix mod ieħor, magni komposti magħmulin minn żewġ magni jew aktar mwaħħlin flimkien biex jagħmlu waħda u magni oħrajn maħsubin bil-għan li jagħmlu żewġ funzjonijiet kumplimentari jew alternattivi jew aktar għandhom jiġu kklassifikati daqslikieku magħmulin biss minn dak il-komponent jew huma dik il-magna li tagħmel il-funzjoni prinċipali.

4. Fejn magna (inkluża taħlita ta' magni) tikkonsisti f'komponenti individwali (kemm jekk separati kif jekk imwaħħlin flimkien b'pajpijiet, b'mezzi ta' trasmissjoni, b'kejbils ta' l-elettriku jew b'mezzi oħrajn) maħsubin biex jikkontribwixxu flimkien għal funzjoni definita ċar koperti b'wieħed mit-titli f'Kapitlu 84 jew 85, hekk kollox jaqa' biex ikun ikklassifikat fit-titlu xieraq għal dik il-funzjoni.

[…]"

8 Fl-imsemmija taqsima jinsab, b'mod partikolari, il-Kapitolu 84, intitolat "Reatturi nukleari, kaldaruni (boilers), makkinarju u għodod mekkaniċi; partijiet tagħhom". Dan il-kapitolu jinkludi b'mod partikolari l-intestatura 8472, ifformulata kif ġej:

"Magni oħrajn ta' l-uffiċċju (per eżempju, duplikaturi bl-ettograf jew stensil, magni ta' l-indirizzi, distributuri awtomatiċi tal-karti tal-flus, magni li jagħżlu l-muniti, magni li jgħoddu jew igeżwru l-muniti, magni li jittempraw lapsijiet, magni li jtaqqbu jew li jistejpiljaw)".

9 L-intestatura 8472 tan-NM hija strutturata kif ġej:

8472 10 00	– Duplikaturi
8472 30 00	– Magni li jagħżlu jew jitwu posta jew idaħħlu posta ġo envelops jew ġo strixxi, magni li jiftħu, jagħlqu jew jissiġillaw posta u magni li jwaħħlu jew jittimbraw bolol postali
8472 90	– – Oħrajn:
8472 90 10	– – Magni li jagħżlu l-muniti, jgħoddu l-muniti jew igeżwru l-muniti
8472 90 30	– – *Automatic teller machines*
8472 90 70	– – Oħrajn

10 Bis-saħħa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1821 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU 2016, L 294, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2016, L 329, p. 119, u fil-ĠU 2017, L 150, p. 19), il-kodiċi tas-subintestatura "Oħrajn" tal-intestatura 8472 tan-NM ġie emendat mit-8472 90 70 sat-8472 90 90 mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019.

11 It-Taqsima XVIII tan-NM hija intitolata "Strumenti u apparat ottiku, fotografiku, ċinematografiku, ta' kejl, ta' iċċekkjar, ta' preċiżjoni, mediku jew kirurġiku; arloġġi u arloġġi tal-idejn; strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji tagħhom". Hija tinkludi b'mod partikolari l-Kapitolu 90 intitolat "Strumenti u apparat ottiku, fotografiku, ċinematografiku, għal kejl, għal iċċekkjar, ta' preċiżjoni, mediku jew kirurġiku; partijiet u aċċessorji tagħhom".

12 In-noti tan-NM dwar dan il-Kapitolu 90 jipprovdu:

"1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

[…]

(g) pompi li fihom mezzi ta' kejl, ta' titlu 8413; makkinarju li jgħodd u jiċċekkja mħaddem bil-piż, jew piżijiet ippreżentati separatament għal imwieżen (titlu 8423); makkinarju ta' rfigħ jew maniġġar (titli 8425 sa 8428); magni għall-qtugħ ta' karta u kartun ta' kull tip (titlu 8441); tagħmir biex ikun irranġat xogħol jew għodod fuq għodod tal-magni, ta' titlu 8466, inkluż tagħmir b'mezzi ottiċi għal qari ta' l-iskala (per eżempju, irjus 'ottiċi' li jaqsmu ċirku) iżda mhux dawk li huma fihom infushom essenzjalment strumenti ottiċi (per eżempju, teleskopji ta' allinjament); magni li jikkalkulaw (titlu 8470); valvi u tagħmir ieħor (titlu 8481); magni u tagħmir (inkluż tagħmir għall-ipproġettar jew it-tfassil ta' mudelli ta' ċirkwiti fuq materjali ta' semikondutturi li ġew sensibilizzati) ta' titlu 8486;

[…]

3. Id-dispożizzjonijiet ta' noti 3 u 4 għal Taqsima XVI japplikaw ukoll għal dan il-kapitlu.

[…]"

13 L-imsemmi kapitolu jinkludi b'mod partikolari l-intestatura 9031, ifformulata kif ġej:

"Strumenti, tagħmir u magni għal kejl jew iċċekkjar, mhux imsemmijin jew inklużi band' oħra f'dan il-kapitlu; proġekters għal profili".

14 L-intestatura 9031 tan-NM hija strutturata kif ġej:

[…]	[…]
	– Strumenti u tagħmir ottiċi oħrajn
9031 41 00	– – Biex ikunu eżaminati wejfers jew mezzi semikondutturi jew biex ikunu eżaminati fotomaskri jew retikoli użati fil-manifattura ta' mezzi semikondutturi
9031 49	– – Oħrajn
9031 49 10	– – – Proġekters għal profili
9031 49 90	– – – Oħrajn
[…]	[…]

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013

15 L-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90, u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2), intitolat "Il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija", jiddisponi, fil-paragrafi 1 u 4 tiegħu:

"1. Għall-applikazzjoni tat-Tariffa Doganali Komuni, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandha tikkonsisti fid-determinazzjoni ta' waħda mis-subintestaturi jew sottodiviżjonijiet ulterjuri tan-[NM] li taħtha ser tiġi kklassifikata dik il-merkanzija.

[…]

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri biex tiddetermina l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija skont il-paragrafi 1 u 2."

16 L-Artikolu 58 ta' dan ir-regolament, intitolat "L-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni", jippreċiża, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta'-atti ta' implimentazzjoni, il-miżurimsemmija fl-Artikolu 57(4).

[…]"

17 L-Artikolu 285(1) tal-imsemmi regolament jipprevedi li, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760

18 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 ġie adottat mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 57(4) u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament Nru 952/2013.

19 Skont l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni:

"Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-[NM] taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella."

20 Konformement mal-Artikolu 3 tiegħu, l-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni daħal fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru 2016.

21 L-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 huwa fformulat kif ġej:

"Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Apparat li jikkonsisti minn validatur u kaxxi tal-flus tal-karti tal-flus (hekk imsejjaħ 'note float unit') ta' daqs ta' madwar 10 × 24 × 44 cm. Il-validatur tal-karti tal-flus juża t-teknoloġija ta' skennjar ottiku biex jiċċekkja l-awtentiċità tal-karti tal-flus skont speċifikazzjonijiet predefiniti. Il-karti tal-flus li huma approvati mill-validatur jgħaddu għal ġo kaxxa tal-flus. Meta din il-kaxxa tal-flus tkun laħqet il-limitu massimu tagħha ta' flus (ġeneralment 30 karta tal-flus), il-karti tal-flus jiġu magħżula awtomatikament u jiġu mqassma f'kaxxi oħra tal-flus li ġeneralment jesgħu 300 karta tal-flus. L-apparat jintuża, pereżempju, fil-magni tal-logħob, tal-bejgħ ta' prodotti jew tal-parkeġġ, għall-ħlas ta' servizzi jew ta' prodotti miksuba. L-apparat huwa wkoll kapaċi jiddistribwixxi l-karti tal-flus. L-apparat huwa dejjem imqabbad ma' dak li jissejjaħ 'host-controller' (mhux preżenti fil-preżentazzjoni) li jirregola l-ispeċifikazzjonijiet predefiniti tal-karti tal-flus u l-fluss tal-karti tal-flus lejn il-kaxxi differenti tal-flus. Ara l-istampa (*)	8472 90 70	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-[NM] u bil-kliem [tal-kodiċi NM] 8472, 8472 90 u 8472 90 70. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9031 bħala strument għal kejl jew iċċekkjar hija eskluża, minħabba li l-apparat huwa aktar minn strument tal-iċċekkjar kopert minn dik l-intestatura. Apparti li jivverifika l-awtentiċità tal-karti tal-flus, it-tagħmir iwettaq ukoll funzjonijiet oħra bħall-issortjar u t-tqassim tal-karti tal-flus bejn id-diversi kaxxi tal-ħażna, u d-distribuzzjoni tal-karti tal-flus. Il-funzjonijiet kollha li jwettaq l-apparat huma koperti mill-intestatura 8472. Għaldaqstant, l-apparat għandu jiġi klassifikat taħt il-kodiċi NM 8472 90 70 bħala magna tal-uffiċċju.

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.



"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

22 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija kumpannija stabbilita fir-Renju Unit li timporta l-iPRO-RC.

23 Il-qorti tar-rinviju tiddeskrivi dan il-prodott bħala validatur u riċiklatur tal-karti tal-flus iddisinjat sabiex jiġi installat fuq apparat ospitanti, bħal tills self-service, distributuri awtomatiċi, magni tal-bejgħ ta' biljetti jew magni tal-logħob, u tqis li dan ma huwiex adattat għall-użu fl-ATMs.

24 Din il-qorti tirrileva li l-iPRO-RC jinkludi tliet komponenti prinċipali, li kollha jinsabu f'xażi, jiġifieri l-verifikatur, ir-riċiklatur u l-kaxxa. L-apparat kollu mbagħad jitqiegħed fil-kaxxa tal-apparat ospitanti u jiġi konness miegħu b'kejbils tal-elettriku. Il-"ħalq" tal-verifikatur huwa l-unika parti tal-iPRO-RC li hija viżibbli għall-utenti tal-apparat ospitanti. L-iPRO-RC ma jistax jiffunzjona indipendentement minnu, anki jekk ikollu xi karatteristiċi awtonomi.

25 Sabiex tiġi vverifikata l-awtentiċità tal-karti tal-flus li deħlin, l-iPRO-RC tuża teknoloġija ta' detezzjoni ottika u manjetika kif ukoll mikrokontrollur u twettaq it-tqabbil tad-data miġbura mill-karta li tidħol mad-data kollha maħżuna fil-memorja tal-mikrokontrollur. Meta d-data miġbura mill-karta li tidħol tikkorrispondi għall-parametri maħżuna fil-mikrokontrollur, l-awtentiċità tal-karta tal-flus tiġi trażmessa liċ-ċentru ta' kontroll li mbagħad jindika meta tkun denominazzjoni aċċettata. Mill-banda l-oħra, meta, fil-każ kuntrarju, il-karta ma tiġix aċċettata, din tiġi miċħuda u tiġi mogħtija lura lill-klijent.

26 Dan il-prodott kien inizjalment ikklassifikat mill-Amministrazzjoni Fiskali u Doganali fis-subintestatura 9031 49 90 tan-NM.

27 Fix-xahar ta' Jannar 2012, l-awtorità Ġermaniża kompetenti ħarġet informazzjoni tariffarja vinkolanti (iktar 'il quddiem "ITV") li tikklassifika "validatur tal-karti tal-flus" fis-subintestatura 8472 90 tan-NM. Fix-xahar ta' Frar 2012, l-Amministrazzjoni Fiskali u Doganali ħarġet ITV għal "validatur tal-karti tal-flus u riċiklatur", billi kklassifikatu fis-subintestatura 9031 49 90 tan-NM. Fid-dawl ta' din id-diverġenza ta' klassifikazzjonijiet tariffarji, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ressqet il-kawża quddiem il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali msemmi fl-Artikolu 285 tar-Regolament Nru 952/2013. Fl-10 ta' Awwissu 2016, dan ħareġ opinjoni favorevoli għall-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-prodott inkwistjoni fis-subintestatura 8472 90 70 tan-NM. Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biss ma vvotax favur din il-klassifikazzjoni.

28 Fit-28 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760.

29 Fit-3 ta' Jannar 2018, l-Amministrazzjoni Fiskali u Doganali, fuq talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tat-22 ta' Novembru 2017, ħarġet ITV li tikklassifika l-iPRO-RC mill-ġdid fis-subintestatura 8472 90 90 tan-NM, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1821, konformement mar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760.

30 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għalhekk ikkontestat din l-ITV quddiem il-qorti tar-rinviju.

31 Wara li kkonstatat li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 huwa applikabbli għall-iPRO-RC, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-validità ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni. Minn naħa, skont din il-qorti, mill-minuti tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma jirriżultax b'mod ċar li l-klassifikazzjoni tal-merkanzija koperta mill-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni fil-Kapitolu 90 tan-NM ġiet prevista qabel il-Kapitolu 84 tagħha, peress li l-ebda riferiment ma sar għan-nota 1(m) tat-Taqsima XVI, kemm tas-SA kif ukoll tan-NM. Min-naħa l-oħra, lanqas ma jirriżulta minn dawn il-minuti li l-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilixxa l-funzjoni prinċipali ta' din il-merkanzija, konformement man-noti 3 u 4 tat-Taqsima XVI kif ukoll man-nota 3 tal-Kapitolu 90, kemm tas-SA

kif ukoll tan-NM. Skont dik il-qorti, il-funzjoni prinċipali tal-iPRO-RC hija l-validazzjoni tal-karti tal-flus, sabiex dawn jinħażnu b'mod sigur jew jiġu ċċirkolati taħt id-direzzjoni taċ-ċentru ta' kontroll, peress li kull funzjonalità oħra hija fil-parti l-kbira irrilevanti jew l-iktar l-iktar sussidjarja.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali), ir-Renju Unit) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni […] 2016/1760 […] huwa invalidu inkwantu jikklassifika l-validatur tal-karti tal-flus u l-kaxxi tal-flus li jinsabu speċifikati fl-imsemmi regolament taħt il-kodiċi NM 8472 90 70, minflok taħt il-kodiċi NM 9031 49 90?

2) B'mod partikolari, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 huwa invalidu inkwantu:
   a) jirrestrinġi b'mod indebitu l-kamp ta' applikazzjoni tal-intestatura 9031;
   b) jestendi b'mod indebitu l-kamp ta' applikazzjoni tal-intestatura 8472;
   c) jieħu inkunsiderazzjoni kriterji li ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni;
   d) ma jiħux debitament inkunsiderazzjoni n-noti ta' spjega, intestaturi tan-NM u/jew ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni meta jikklassifika l-prodott kif indikat fl-imsemmi regolament[?]"

Fuq id-domandi preliminari

33 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760, sa fejn din tikklassifika apparat kompost minn validatur tal-karti tal-flus u kaxxi tal-karti tal-flus, kif deskritt fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-anness ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, fl-intestatura 8472 90 70 tan-NM u mhux fl-intestatura 9031 49 90 tagħha, bi ksur tal-portata tal-intestaturi 8472 u 9031 tan-NM, tan-Noti ta' Spjega, kemm tas-SA kif ukoll għan-NM, relatati ma' dawn l-intestaturi, kif ukoll tar-regoli ġenerali ta' interpretazzjoni tan-NM.

34 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li l-Kummissjoni, li taġixxi b'kooperazzjoni mal-esperti doganali tal-Istati Membri, għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tippreċiża l-kontenut tal-intestaturi tariffarji li għandhom jiġu kkunsidrati għall-klassifikazzjoni ta' oġġett partikolari. Madankollu, is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 57(4) u fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament Nru 952/2013 ma tawtorizzahiex tbiddel il-kontenut u lanqas il-portata tal-intestaturi tariffarji li kienu ġew stabbiliti abbażi tas-SA, li l-Unjoni impenjat ruħha, skont l-Artikolu 3 tal-konvenzjoni msemmija fil-punt 4 ta' din is-sentenza, li ma tibdilx il-portata tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Frar 2015, Raytek u Fluke Europe, C-134/13, EU:C:2015:82, punt 29, kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2019, Amoena, C-677/18, EU:C:2019:1142, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Sabiex jiġi ddeterminat jekk, bil-klassifikazzjoni tal-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 fl-intestatura 8472 tan-NM u mhux fl-intestatura 9031 tagħha, il-Kummissjoni biddlitx il-kontenut jew il-portata ta' dawn iż-żewġ intestaturi tariffarji tan-NM, stabbiliti abbażi tas-SA, hemm lok li jitfakkar, fl-ewwel lok, li, fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-kontrolli, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija għandu jitfittex, b'mod ġenerali, fil-karatteristiċi u fil-proprjetajiet oġġettivi tagħha, kif iddefiniti mill-formulazzjoni tal-intestatura u tas-subintestatura tan-NM u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli tagħha (sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2019, Amoena, C-677/18, EU:C:2019:1142, punt 40, u tat-18 ta' Ġunju 2020, Hydro Energo, C-340/19, EU:C:2020:488, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

36 Fit-tieni lok, għalkemm il-klassifikazzjoni ma tistax issir biss abbażi tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tal-prodott ikkonċernat, l-użu intenzjonat tiegħu, b'mod partikolari l-użu essenzjali tiegħu, jista' jikkostitwixxi kriterju oġġettiv ta' klassifikazzjoni, bil-kundizzjoni li dan ikun inerenti għall-imsemmi prodott. L-inerenza għandha tkun tista' tiġi evalwata skont il-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Settembru 2019, TDK-Lambda Germany, C-559/18, EU:C:2019:667, punt 27, u tat-18 ta' Ġunju 2020, Hydro Energo, C-340/19, EU:C:2020:488, punt 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li, minkejja l-fatt li ma għandhomx saħħa vinkolanti, in-Noti ta' Spjega għan-NM u tas-SA jikkostitwixxu strumenti importanti sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tat-tariffa doganali komuni u jipprovdu, bħala tali, elementi validi għall-interpretazzjoni tagħha (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Hydro Energo, C-340/19, EU:C:2020:488, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Fir-rigward tal-formulazzjoni tal-intestaturi tariffarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hemm lok li jiġi rrilevat li dik tal-intestatura 9031 tan-NM tirrigwarda, b'mod partikolari, "[s]trumenti, tagħmir u magni għal kejl jew iċċekkjar", mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor fil-Kapitolu 90 tan-NM, filwaqt li dik tal-intestatura 8472 tan-NM tikkonċerna "[m]agni oħrajn ta' l-uffiċċju", fosthom b'mod partikolari d-distributuri awtomatiċi tal-karti tal-flus kif ukoll il-magni li jagħżlu, jgħoddu jew igeżwru l-muniti.

39 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat li n-Noti ta' Spjega tas-SA jiddeskrivu l-Kapitolu 90 tagħha bħala li jinkludu l-istrumenti u l-apparat kollha li, bħala regola ġenerali, huma kkaratterizzati essenzjalment mit-tmiem tal-manifattura tagħhom u mill-preċiżjoni kbira tagħhom, li jiddistingwihom mill-prodotti ordinarji (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2002, Lohmann u Medi Bayreuth, C-260/00 sa C-263/00, EU:C:2002:637, punt 37, kif ukoll tas-16 ta' Mejju 2019, Estron, C-138/18, EU:C:2019:419, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata). Kif jippreċiżaw dawn in-noti ta' spjega, il-parti l-kbira tagħhom jintużaw "b'mod partikolari fil-qasam purament xjentifiku (riċerka tal-laboratorji, analiżi, astronomija, eċċ.), għal applikazzjonijiet tekniċi jew industrijali partikolari ħafna (miżuri jew kontrolli, osservazzjonijiet, eċċ.) jew għal finijiet mediċi".

40 Barra minn hekk, in-Noti ta' Spjega tas-SA jippreċiżaw, dwar l-intestatura 9031 tagħha, li din l-intestatura tinkludi, minbarra l-projetturi tal-profil, "[s]trumenti, tagħmir u magni għal kejl jew iċċekkjar, ottiċi jew le, li ma jikkostitwixxux strumenti, apparat jew magni inklużi b'mod iktar speċifiku" fl-intestaturi l-oħra tal-Kapitolu 90 tas-SA. Fl-aħħar nett, in-nota ta' spjega tas-SA dwar is-subintestatura 9031 49 tagħha tindika wkoll li din is-subintestatura "ma tkoprix biss l-istrumenti u l-apparat li direttament jiffaċilitaw jew itejbu l-vista umana, iżda wkoll l-istrumenti u l-apparat oħrajn li jiffunzjonaw permezz ta' elementi jew ta' proċessi ottiċi".

41 Fir-rigward tal-intestatura 8472 tan-NM, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li din tirrigwarda, b'mod residwu, il-magni tal-uffiċċju li għandhom prinċipalment struttura u funzjonament mekkaniku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 1997, Rank Xerox, C-67/95, EU:C:1997:470, punt 25).

42 F'dan il-każ, abbażi tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tal-merkanzija koperta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760, kif deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-anness ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni, b'applikazzjoni tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-NM, kif huwa stabbilit fil-motivazzjoni li tinsab fil-kolonna 3 ta' din it-tabella, minn naħa, eskludiet il-klassifikazzjoni ta' din il-merkanzija fl-intestatura 9031 tan-NM, peress li l-imsemmija merkanzija "[hija] aktar minn strument tal-iċċekkjar kopert minn dik l-intestatura" u, min-naħa l-oħra, ikklassifikatha fl-intestatura 8472 90 70 tan-NM bħala "magna tal-uffiċċju", peress li "[i]l-funzjonijiet kollha li jwettaq l-apparat huma koperti mill-intestatura 8472" tan-NM.

43 Id-dubji tal-qorti tar-rinviju dwar il-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 huma relatati, b'mod partikolari, mal-fatt li l-klassifikazzjoni tariffarja li hija stabbilita fiha kienet tmur kontra, minn naħa, in-nota 1(m) tat-Taqsima XVI tan-NM kif ukoll, min-naħa l-oħra, in-noti 3 u 4 ta' din it-taqsima, moqrija flimkien man-nota 3 tal-Kapitolu 90 tan-NM, sa fejn ir-raġunijiet indikati fil-kolonna 3 tat-tabella li tinsab fl-anness ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni ma jirreferu għal ebda wieħed minn dawn in-noti.

44 Fl-ewwel lok, in-nota 1(m) tat-Taqsima XVI tan-NM, li tinkludi l-Kapitoli 84 u 85 tagħha, sempliċement tindika li din it-taqsima ma tinkludix l-artikoli tal-Kapitolu 90 tan-NM. Għalhekk, jekk merkanzija taqa' taħt il-Kapitolu 90 tan-NM, huwa eskluż li din taqa' wkoll taħt il-Kapitoli 84 u 85 tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2019, Estron, C-138/18, EU:C:2019:419, punt 75).

45 Issa, kif tosserva l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, mit-tieni paragrafu tal-kolonna 3 tat-tabella li tinsab fl-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 jirriżulta b'mod espliċitu li l-klassifikazzjoni f'waħda mill-intestaturi tal-Kapitolu 90 tan-NM, jiġifieri l-intestatura 9031 tagħha, ġiet eskluża, li jimplika li dan kien ġie previst, tal-inqas, bħala alternattiva għall-klassifikazzjoni fl-intestatura 8472 tan-NM, li fl-aħħar mill-aħħar kienet dik li ġiet adottata.

46 Minn dan jirriżulta li l-merkanzija msemmija f'dan ir-regolament ta' implimentazzjoni ma ġietx ikklassifikata fl-intestatura 8472 tan-NM bi ksur tan-nota 1(m) tat-Taqsima XVI tan-NM.

47 Barra minn hekk, il-fatt li l-motivazzjoni indikata fil-kolonna 3 tat-tabella li tinsab fl-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 ma tagħmel l-ebda riferiment għal din in-nota ma jistax iwassal, fih innifsu, għall-invalidità ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm il-motivazzjoni meħtieġa mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti twettaq l-istħarriġ tagħha, madankollu ma huwiex meħtieġ li hija tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni, C-456/18 P, EU:C:2020:421, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Fit-tieni lok, fir-rigward tan-nota 3 tal-Kapitolu 90 tan-NM, din, min-naħa tagħha, tistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tan-noti 3 u 4 tat-Taqsima XVI tan-NM japplikaw għal dan il-kapitolu.

49 Mill-karatteristiċi u mill-proprjetajiet tal-merkanzija koperta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760, kif deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-anness ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, jirriżulta li din il-merkanzija tippreżenta ruħha bħala komposta minn elementi distinti, jiġifieri validatur tal-karti tal-flus u kaxxi tal-karti tal-flus. L-apparat kollu huwa konness ma' "ċentru ta' kontroll" u integrat f'apparat ospitanti, bħal magna tal-logħob, magna tal-bejgħ awtomatiku jew tal-parkeġġ, sabiex jiżgura l-"ħlas ta' servizzi jew ta' prodotti miksuba" minnu.

50 Għal dan l-għan, kif ġie ppreċiżat fil-kolonna 3 ta' din it-tabella, dan l-apparat jiżgura diversi funzjonijiet, jiġifieri li, "[a]pparti li jivverifika l-awtentiċità tal-karti tal-flus, it-tagħmir iwettaq ukoll funzjonijiet oħra bħall-issortjar u t-tqassim tal-karti tal-flus bejn id-diversi kaxxi tal-ħażna, u d-distribuzzjoni tal-karti tal-flus".

51 Minn dan jirriżulta li l-merkanzija koperta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 hija, minn naħa, magna ddisinjata sabiex twettaq diversi funzjonijiet differenti, alternattivi jew kumplimentari, fis-sens tan-nota 3 tat-Taqsima XVI tan-NM, b'tali mod li, konformement ma' din in-nota, il-klassifikazzjoni tagħha għandha tiġi ddeterminata, sakemm il-kuntest ma jeżiġix mod ieħor, skont il-funzjoni prinċipali li tikkaratterizzaha f'għajnejn il-konsumatur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-

30 ta' April 2020, DHL Logistics (Slovakia), C-810/18, EU:C:2020:336, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, din il-merkanzija hija wkoll magna kkostitwita minn elementi distinti ddisinjati sabiex jiżguraw fl-istess ħin funzjoni ddeterminata sew, fis-sens tan-nota 4 tat-Taqsima XVI tan-NM, peress li l-klassifikazzjoni tagħha għandha tiġi ddeterminata minn din il-funzjoni. Issa, il-funzjoni prinċipali li tikkaratterizza l-apparat inkwistjoni kollu f'għajnejn il-konsumatur u li għaliha huma ddisinjati l-elementi distinti li jikkomponuh hija l-pagament tal-oġġett jew tas-servizz ipprovdut permezz tal-apparat ospitanti li fih dan l-apparat huwa integrat.

52 Kif isostnu, essenzjalment, il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, il-funzjoni prinċipali tal-merkanzija koperta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 ma tistax titqies li hija l-kontroll jew il-validazzjoni tal-karti tal-flus. Ċertament, il-kontroll, bl-użu ta' teknoloġija ta' detezzjoni ottika, tal-awtentiċità tal-karti tal-flus, skont karatteristiċi predeterminati, huwa wieħed mill-funzjonijiet imwettqa mill-apparat inkwistjoni, b'mod konkret mill-validatur tal-karti tal-flus li jikkomponih. Xorta jibqa' l-fatt li din il-funzjoni ma hijiex maħsuba bħala għan fiha nnifisha.

53 Fil-fatt, il-validazzjoni tal-karti tal-flus wara dan il-kontroll hija neċessarja sabiex jiġu żgurati l-funzjonijiet ta' għażla, ta' tqassim u ta' ħażna tal-karti tal-flus fil-kaxxi differenti kif ukoll ta' distribuzzjoni ta' dawn l-istess karti għall-għan segwit mill-apparat ospitanti li fih dan l-apparat huwa integrat, jiġifieri l-pagament tal-oġġett jew tas-servizz ipprovdut minn dan l-apparat.

54 Barra minn hekk, min-nota 1(g) tal-Kapitolu 90 tan-NM jirriżulta li ċerti prodotti li għandhom apparat ta' kejl jew ta' kontroll, b'mod partikolari apparat ottiku tal-qari, ma humiex kollha kklassifikati f'waħda mill-intestaturi ta' dan il-Kapitolu 90, iżda għandhom, min-naħa l-oħra, jiġu kklassifikati taħt intestaturi differenti tal-Kapitolu 84 tan-NM. Għalhekk, kif issostni l-Kummissjoni, ma jistax jiġi affermat li l-prodotti li jiżguraw ċerta tip ta' kejl jew ta' kontroll jistgħu jiġu kklassifikati biss taħt waħda mill-intestaturi tal-Kapitolu 90 tan-NM, b'mod partikolari l-intestatura 9031.

55 Barra minn hekk, il-portata tal-intestatura 8472 tan-NM hija wiesgħa ħafna. Fil-fatt, din l-intestatura tikkonċerna "[m]agni oħrajn ta' l-uffiċċju" li ma humiex, għalhekk, inklużi b'mod iktar speċifiku f'intestatura tariffarja oħra. Barra minn hekk, il-formulazzjoni stess ta' din l-intestatura ssemmi espressament il-magni tal-uffiċċju li jimmaniġġjaw il-flus, jiġifieri d-"distributuri awtomatiċi tal-karti tal-flus" kif ukoll il-"magni li jagħżlu l-muniti, magni li jgħoddu jew igeżwru l-muniti". F'dan il-każ, mir-raba' paragrafu tal-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 jirriżulta b'mod espliċitu li l-merkanzija koperta minnu tintuża, pereżempju, f'distributuri awtomatiċi, li huma stess huma koperti mill-intestatura 8472 tan-NM.

56 Il-portata wiesgħa tal-kunċett ta' "magni tal-uffiċċju", fis-sens tal-intestatura 8472 tan-NM, hija kkorroborata min-Noti ta' Spjega tas-SA dwar l-intestatura 8472 tagħha. Dawn in-noti jippreċiżaw li l-kunċett ta' "magni tal-uffiċċju", fis-sens ta' din l-intestatura, għandu jinftiehem f'sens wiesa', jiġifieri li jkopri mhux biss il-"magni u l-apparat użati fl-uffiċċji nnifishom", iżda wkoll dawk li jintużaw f'varjetà kbira ta' kuntesti professjonali, bħal "ħwienet, fabbriki, workshops, skejjel, stazzjonijiet, lukandi", sabiex jitwettaq ix-"xogħol tal-uffiċċju", jiġifieri "ix-xogħol relatat mal-entrati (reġistrazzjoni, żamma ta' dokumenti, korrispondenza, eċċ.), il-klassifikazzjoni, il-kontabbiltà, eċċ.". Barra minn hekk, mill-formulazzjoni ta' dawn l-istess noti ta' spjega jirriżulta li l-enumerazzjonijiet ta' sensiela ta' "magni tal-uffiċċju" ma humiex eżawrjenti peress li dawn huma akkumpanjati jew mit-taqsira "eċċ.", jew mill-avverbju "b'mod partikolari".

57 Fid-dawl kemm tal-formulazzjoni tal-intestatura 8472 tan-NM kif ukoll tan-Noti ta' Spjega tas-SA relatati mal-intestatura 8472 tagħha, għandu jiġi kkonstatat li din l-intestatura tkopri wkoll, bħala apparat jew magni tal-uffiċċju, l-apparat li, peress li ma huwiex użat f'uffiċċju, iwettaq funzjonijiet speċifiċi għax-xogħol tal-uffiċċju. Minn dawn l-elementi jirriżulta wkoll li l-intestatura 8472 tan-NM tkopri, bħala "magni jew apparat tal-uffiċċju" f'sens wiesa', il-magni li jimmaniġġjaw il-flus użati f'varjetà kbira ta' kuntesti professjonali u li jwettqu mekkanikament il-funzjonijiet inerenti għall-immaniġġjar tal-flus, jiġifieri l-karti tal-flus u l-muniti, b'mod partikolari l-għażla, l-għadd,

il-ħażna u t-tqassim tagħhom, peress li dawn il-funzjonijiet huma tradizzjonalment imwettqa manwalment mill-persunal li jwettaq ix-xogħol tal-uffiċċju li jista' b'mod partikolari jikkonsisti fil-pagamenti ta' oġġetti jew ta' servizzi.

58 Għalhekk, huwa mingħajr ma wettqet żball manifest li, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha sabiex tippreċiża l-kontenut tal-intestaturi tariffarji, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-merkanzija koperta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 hija iktar minn magna ta' kejl jew ta' kontroll, fis-sens tal-intestatura 9031 tan-NM, li eskludiet il-klassifikazzjoni ta' din il-merkanzija f'din l-intestatura, u li d-diversi funzjonijiet imwettqa minnha huma koperti mill-intestatura 8472 tan-NM.

59 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkonfutata mill-fatt li n-Noti ta' Spjega tas-SA dwar l-intestatura 8472 tagħha jżidu li taħt din l-intestatura huma ammessi biss il-magni u l-apparat tal-uffiċċju "li fihom bażi sabiex jitqiegħdu, pereżempju fuq mejda jew fuq skrivanija, jew apparat ta' mmuntar, bl-esklużjoni, konsegwentement, tal-istrumenti tal-idejn", bħall-għodod tal-idejn imsemmija fil-Kapitolu 82 tas-SA. Minn naħa, din il-preċiżazzjoni ma tistax tiġi interpretata fis-sens li huwa biss l-apparat li jinkludi bażi sabiex jitqiegħed fuq mejda jew skrivanija li huwa kopert mill-intestatura 8472 tas-SA. Fil-fatt, minn dan jirriżulta b'mod ċar li huma koperti minn din l-intestatura tariffarja kemm il-magni u l-apparat tal-uffiċċju li jinkludu tali bażi, kif ukoll dawk li jinkludu "apparat ta' mmuntar". Mezzi oħra ta' mmuntar jew ta' tqegħid tal-magni jew tal-apparat tal-uffiċċju huma għalhekk possibbli, b'mod partikolari mal-art fi spazju fejn jitwettaq xogħol tal-uffiċċju. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija preċiżazzjoni turi iktar li l-magni u l-apparat tal-uffiċċju li jaqgħu taħt l-intestatura 8472 tas-SA prinċipalment għandhom struttura u funzjonament mekkaniċi sabiex dawn jiġu distinti minn "strumenti tal-idejn", li l-merkanzija koperta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760 ma hijiex.

60 Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi kkonstatat li, billi kklassifikat l-apparat kompost minn validatur tal-karti tal-flus u minn kaxxi tal-karti tal-flus, kif deskritt fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760, fl-intestatura 8472 tan-NM u mhux fl-intestatura 9031 tagħha, il-Kummissjoni ma biddlet il-kontenut jew il-portata ta' ebda minn dawn iż-żewġ intestaturi tariffarji.

61 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-eżami tagħhom ma żvela l-ebda element li jista' jaffettwa l-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1760.

Fuq l-ispejjeż

62 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-eżami tad-domandi magħmula ma żvela l-ebda element li jista' jaffettwa l-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1760 tat-28 ta' Settembru 2016 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda.

Firem